MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1772/1999/1

**General Precast Concrete Limited**

**vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Awissu 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' attrici ghall-bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' *precast concrete* maghmula lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess, kif jirrizulta mill-fattura annessa Dok. "A".

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas anke permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Lulju 1998 din baqghet inadempjenti.

Illi l-istess socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici ghall-bilanc ta’ prezz ghal forrnituri ta’ *precast concrete.*

2. Tillikwida l-ammont dovut u spettanti lis-socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta.

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk likwidat, bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data ta’ l-effettiv pagament u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ 20 ta’ Lulju 1999 u bir-riserva ta’ kull dritt fil-Ligi kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta l-ewwel mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo li appunta l-kawza fit-18 ta’ Novembru 1999 u l-verbali kollha inkluz l-avviz datat 11 ta’ Marzu 2002; dawk ta’ l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 9 ta’ April 2002 u 18 ta’ Gunju 2002; u dawk ta’ l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mis-7 ta’ Novembru 2002 sa dik tal-21 ta’ Ottubru 2006.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk presjeduta datata 11 ta’ Jannar 2006 fejn deher biss Dr. Patrick Galea ghas-socjeta’ attrici, s-socjeta’ konvenuta u d-difensuri taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux u fejn Dr. Patrick Galea nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u l-Qorti kif presjeduta ordnat lis-socjeta’ konvenuta tipprezenta x-

xhieda taghha bl-affidavit in konnessjoni mat-talba taghha ghall-gustifikazzjoni kontumacja fir-rikors tal-5 ta' Settembru 2003, b'kopja lill-kontro-parti u/jew lid-difensur taghha li jkollu 10 t'ijiem zmien biex jipprezenta affidavits responsivi u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni fuq l-istess rikors ghas-7 ta' Marzu 2006.

Rat appuntu r-rikors tas-socjeta' konvenuta datat 5 ta' Settembru 2003 a fol. 49 tal-process, fejn l-istess socjeta' talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tipprefegilha terminu sabiex din tkun tista' tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat id-digriet datat 11 ta' Settembru 2003, a fol. 60, fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien gimgha ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 26 ta' Settembru 2003 a fol. 44 tal-process fejn l-istess socjeta' attrici opponiet ghat-talba tas-socjeta' konvenuta peress li sostniet:-

1. Illi d-dokumenti esebiti mill-konvenut huma koppji ta' ittri u korrispondenza bejn il-partijiet. Dan ma jissostitwiex id-dover generali illi parti taghmel eccezzjonijiet taghha.

2. Illi apparti kollox, huwa car illi l-partijiet ma qablux u illi l-attrici kienet kostretta illi tiehu azzjoni gudizzjarja u ma jidhirx illi n-negozjati minghajr pregdizzju ghandhom jissostitwixxu d-dover tal-parti li taghmel l-eccezzjonijiet.

3. Illi ghalhekk l-esponenti topponi t-talba tal-konvenuta ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Rat id-digriet fuq imsemmi ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-11 ta' Jannar 2006 kollox a fol. 72 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2006 fejn deher biss Dr. Patrick Galea ghas-socjeta' attrici; is-socjeta' konvenuta u d-difensur taghha Dr. Jean Karl Farrugia

imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-Qorti ddikjarat il-provi dwar l-istess punt ta’ gustifikazzjoni tal-kontumacja maghluqa u dan peress li s-socjeta’ konvenuta naqset li tipprezenta l-affidavits taghha skond id-digriet tal-11 ta’ Jannar 2006 u l-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta ghas-16 ta’ Marzu 2006.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 10 ta’ Marzu 2006 fejn talbet li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u minflok tippermettilha tipprezenta l-affidavits tas-socjeta` konvenuta.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu 2006 fejn cahdet it-talba *stante* li s-socjeta` konvenuta kellha terminu sufficenti biex taghmel dan.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok jigi nnutat li din id-decizjoni hija limitata sabiex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta’ konvenuta mresqa fir-rikors premess datat 5 ta’ Settembru 2003 sabiex tinghata lilha l-fakolta’ li tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk jidher li l-istess socjeta’ konvenuta qed titlob effettivament li tiggustifika l-kontumacja taghha.

Illi fil-fatt jinghad li fl-istess rikors l-istess socjeta’ konvenuta tammetti li hija tinsab fi stat ta’ kontumacja, stat legali li jimporta li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u hija ma prezentatx fit-terminu moghti fil-ligi nota ta’ eccezzjonijiet.

Illi fil-fatt fl-istess rikors l-istess socjeta’ konvenuta tghid li ghalkemm jidher mill-atti esebiti li hija ma wriet ebda

interess f'dawn il-proceduri dan ma huwiex il-kaz ghaliex hija permezz ta' l-avukat taghha baqghet in kuntatt mas-socjeta' attrici sabiex tinstab soluzzjoni bonarja ghal din il-pendenza u fil-fatt gew esebiti ittri li gew miktuba mill-konsulent legali tas-socjeta' konvenuta lill-konsulent legali tas-socjeta' attrici datati mis-7 ta' Dicembru 2000 sat-30 ta' Gunju 2003 kollox esebit bhala Dok. "A" sa Dok. "H" minn fol. 51 sa fol. 59 tal-process, il-maggoranza ta' l-istess ittri miktuba *"without prejudice".* Jghid li kien biss bl-ahhar differiment li l-istess socjeta' konvenuta ndunat li ftehim bonarju mhux ser isehh u anke s-socjeta' attrici ndunat b'dan ghaliex minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet fi stat ta' *"kontumacja apparenti"* hija ma talbitx sentenza.

Illi din il-Qorti tinnota li l-istess socjeta' konvenuta kienet ilha notifikata bic-citazzjoni attrici mill-20 ta' Novembru 2000 u dan kif jidher *a tergo* ta' fol. 11 tal-process, u l-istess socjeta' konvenuta pprezentat ir-rikors taghha biss fit-3 ta' Settembru 2003.

Illi kien hemm diversi verbali tas-seduti nkluzi fost l-ohrajn dik tad-9 ta' April 2002 fejn l-avukat tas-socjeta' attrici nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u fil-fatt il-kawza kienet differita ghall-provi ghat-18 ta' Gunju 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna, u f'din is-seduta kienet dehret ukoll Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta' konvenuta li bl-ebda mod ma qajmet il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja tas-socjeta' konvenuta u dan kif jidher a fol. 17 tal-process.

Illi jinghad li l-istess gara fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti diversament presjeduta ivverbalizzat li hija kienet informata li l-partijiet ttransigew il-kawza, izda wara giet informata li t-transazzjoni ma sehhitx u peress li ma deher hadd u s-socjeta' attrici ma resqet ebda provi l-kawza marret *sine die.*

Illi l-kawza giet riappuntata u s-socjeta' attrici resqet il-provi taghha u jidher li saret xhieda fuq il-mertu minn rapprezentanti tas-socjeta' attrici Deborah Schembri u

Richard Xuereb u kien biss hawn li Dr. Jean Karl Farrugia ghas-socjeta’ konvenuta qal li kien ser jipprezenta rikors sabiex jiggustifika l-kontumacja, u dan minkejja li l-avviz tas-smiegh tar-riappuntament tal-kawza kien gie notifikat lis-socjeta’ konvenuta fis-27 ta’ Mejju 2003 kif jidher *a tergo* ta’ fol. 23 tal-process.

Illi l-istess rikors mertu ta’ din id-decizjoni sar biss fil-5 ta’ Settembru 2003 u wara diversi differimenti nghata digriet moghti fil-11 ta’ Jannar 2006 u l-Qorti tinnota wkoll li minkejja li l-istess socjeta’ rikorrenti u konvenuta nghatat zmien li tipprezenta l-affidavits kollha dwar it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni ta’ kontumacja hija baqghet ma ghamlet xejn u ghalhekk din il-Qorti wara li ddikjarat il-provi dwar dan il-punt maghluqa, u wara li s-socjeta’ konvenuta u d-difensuri taghha naqsu wkoll li jidhru, l-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar dan il-punt ta’ kontumacja.

Illi wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, gie prezentat rikors datat 10 ta’ Marzu 2006 sabiex l-istess socjeta` konvenuta tinghata zmien sabiex tipprezenta x-xhieda taghha dwar proprju dan il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, rikors u talba li giet michuda minn din il-Qorti b’digriet taghha tal-14 ta’ Marzu 2006 u dan peress li l-istess socjeta` konvenuta kellha zmien bizzejjed sabiex tipprezenta tali provi, u tali provi ma gewx prezentati fit-terminu indikat anke minn din il-Qorti diversament ippresjeduta.

Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi”** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta’ Lulju 2001) fejn inghad is-segwenti:-

*“Indubbjament l-istutut ta’ kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma’ l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort’ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta’ kontumelja u disprezz da parti ta’ min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma*

*jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex".*

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), u affermat fis-sentenza **"Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar"** (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005) il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili."*

8. L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. **(Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).**

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (*vide* **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza P.A. (RCP) 21 ta' April 1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

Illi mir-rikors stess tas-socjeta' konvenuta jidher car li ma kien hemm ebda impediment sabiex l-istess socjeta' konvenuta tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fit-terminu, u fil-fatt l-istess socjeta' konvenuta lanqas qed biss tghid li kien hemm tali mpediment. Allura certament ma hemm u ma tezisti l-ebda raguni valida ghaliex l-istess socjeta' konvenuta ma resqitx nota ta' l-eccezzjonijiet taghha fit-terminu ndikat fil-ligi.

Illi l-fatt li l-istess socjeta' konvenuta u wkoll socjetajiet relatati kienet *tramite* d-difensur taghha qed taghmel tentattivi sabiex l-istess pendenza tigi transatta ma jfissirx li kien hemm xi mpediment legali ghas-socjeta' konvenuta sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, anzi pjuttost tipprova li l-istess socjeta' konvenuta ma kellha xejn x'izommha milli taghmel l-istess nota ta' eccezzjonijiet taghha skond il-ligi, haga li ghazlet li ma taghmilx minn jhedda.

Illi jigi wkoll indikat li l-fatt li saru diversi ittri bl-isperanza li l-istess kawza tigi bonarjament solvuta bl-ebda mod ma jfisser li s-socjeta' konvenuta b'hekk giet b'xi mod ezentata milli tipprezenta l-istess nota ta' eccezzjonijiet fit-terminu indikat mill-ligi; anzi din il-Qorti thoss li gie ppruvat li s-socjeta' konvenuta kienet negligenti f'dan ir-rigward u ghazlet hija li ma tipprezentax nota ta' eccezzjonijiet fit-terminu moghti, talba li mbaghad saret snin wara n-notifika lilha tac-citazzjoni attrici u ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba tas-socjeta' konvenuta kif kontenuta fir-rikors taghha datat 5 ta' Settembru 2003 ghandha tigi michuda *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi dan qed jinghad apparti dak li nghad fir-risposta tas-socjeta' attrici u wkoll dak li jirrizulta fl-atti tal-kawza fejn jidher li l-istess socjeta' konvenuta kienet adirittura negligenti fl-agir taghha sabiex tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet skond il-ligi fit-terminu legali indikat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi **b'referenza ghar-rikors tas-socjeta' konvenuta datat 5 ta' Settembru 2003 sabiex hija tiggustifika l-kontumacja taghha u tinghata fakolta' li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet,** din il-Qorti filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' attrici datata 26 ta' Settembru 2003, **tichad it-talba kontenuta fl-istess rikors *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u kompletament bla ebda bazi.**

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------